# Deheb, Inċens, u Mirra
## Adorazzjoni Ewkaristika bi tħejjija għall-Epifanija
## Jannar 2024

### Innu għal waqt l-Espożizzjoni

### Viżta lil Ġesù Ewkaristija
Hawn bħal maġi ġejna nfittxu
u quddiemek dlonk ninxteħtu,
biex noffrulek l-għotjiet tagħhom
tal-inċens, id-deheb u l-mirra.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Inti lqagħhom bħala xhieda
ta' setegħtek u saltnatek,
Tfajjel, li l-Missier għażillek
tliet karattri sa minn dejjem.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Ħu l-inċens, għax inti Alla:
għax Sultan, ħu d-deheb ta' Saba:
iżda ilqa' wkoll il-mirra;
Bniedem int, għad tara d-difna.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Ġejt sabiex ir-rieda t'Alla
twettaq billi twaqqaf saltna
dahri mħabbra mill-profeti,
kif sinjali wrew fl-imgħoddi:

*Missierna, Sliema, Glorja*

Saltna li tkun tiġbor fiha
kulma jimla l-ħolqien kollu,
is-smewwiet u l-art u l-ibħra,
l-univers minn tarf għall-ieħor.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Glorja lilek, Kristu Sidna,
li lill-ġnus ridt turi ruħek;
mal-Missier u mal-Ispirtu
ġieħ jintraddlek, issa w dejjem. Amen.

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna, Sliema, Glorja*

Hekk kif bdejna s-sena ċivili taħt il-mant matern ta' Marija, illum ukoll qegħdin ninġabru quddiem il-Mulej sabiex bħalha nibqgħu ngħożżu f'qalbna l-ħwejjeġ kollha li fakkarna f'dawn il-jiem qaddisa u naħsbu fuqhom bejnna u bejn ruħna

(ara Lq 2, 19). Flimkien ma' Marija se nħarsu lejn iż-żjara li xi maġi mil-Lvant għamlu lit-tarbija Ġesù, fejn, waqt li nxteħtu quddiemu jagħtuh qima, offrewlu deheb, inċens, u mirra. Minkejja l-faqar u l-ħafna avvenimenti li kellha tgħaddi minnhom il-familja ta' Ġesù, żgur li dawn l-għotjiet hekk prezzjużi ġew imħarsa u mrekkna sew minn Marija għax kienet taf li ma kinux tagħha imma ta' Binha. Nistgħu nisthajlu li, sew fl-eżilju fl-Eġittu u sew fis-skiet monotonu ta' Nazaret, sew meta l-Iben tagħha u ta' Alla kien għadu tfajjel u sew meta beda jikber u jsir raġel, minn żmien għal ieħor, Marija kienet tiftakar fihom, toħroġhom mill-moħba tagħhom, u toqgħod kwieta tħares lejhom u tipprova tifhem.
Hekk ukoll se nagħmlu aħna llejla: se nħarsu lejn ir-rigali tad-deheb, l-inċens, u l-mirra filwaqt li nħallu lill-Mulej idaħħalna xi ftit iktar fil-fond u jressaqna lejn il-qalba tal-misteru mistur fihom ħalli l-aspetti varji tal-personalità tiegħu jkunu jistgħu jdawlu l-kumplessità tal-personalità tagħna bħala Nsara u nħalluhom imissu l-kuljum tal-ħajja tagħna.

## Innu Ewkaristiku

**Qari mill-Ktieb Evanġelju skont San Mattew** (2, 10-11)
F'dak iż-żmien, kif il-maġi raw il-kewkba mtlew b'ferħ kbir tassew. Meta mbagħad daħlu d-dar u raw lit-tifel ma' ommu Marija, inxteħtu fl-art iqimuh; fetħu t-teżori tagħhom u offrewlu rigali deheb, inċens u mirra.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. *Tifħir lilek, Kristu.*

Mulej, aħna wkoll, f'dal-ħin ta' adorazzjoni nixtiequ li spiritwalment bħall-maġi noffrulek deheb, inċens, u mirra, mhux għax għandek bżonnhom imma għax permezz tagħhom inkunu qegħdin nagħmlu stqarrija ta' fidi fik bħala Sultan u Alla magħmul bniedem b'ġisem li jmut sabiex aħna nkunu nistgħu nsiru bħalek. Bħall-maġi ninxteħtu quddiemek biex permezz tagħna tkompli twassal l-aħbar t-tajba tas-salvazzjoni lill-ħolqien kollu. Għalhekk, lilek li inti l-isbaħ fost ulied il-bnedmin, se nfaħħruk permezz ta' Salm 45, billi nwieġbu flimkien: ***Int l-isbaħ fost ulied il-bnedmin.***

(Salm 45, 2-3. 7-8. 9-10. 13. 18)

Qalbi tfawwar bi kliem sabiħ;
ngħanni l-għanja tiegħi lis-sultan;
ilsieni pinna ta' kittieb ħafif.
Int l-isbaħ fost ulied il-bnedmin,
imsawba l-ħlewwa fuq xufftejk;
għalhekk bierkek Alla għal dejjem. R/.

It-tron tiegħek, Alla, għal dejjem ta' dejjem;
xettru tas-sewwa hu x-xettru ta' saltnatek!

Int tħobb il-ġustizzja u tobgħod il-ħażen;
għalhekk dilkek Alla, Alla tiegħek,
b'żejt il-hena aktar minn sħabek. **R/.**

Bil-mirra u s-sabbara u l-kassja, kollha fwieħa lbiesek.
Mill-palazzi tal-avorju jferrħek id-daqq tal-kordi.
Bniet is-slaten joħorġu jilqgħuk;
f'lemintek is-sultana mżejna b'deheb ta' Ofir. **R/.**

In-nies ta' Tir bir-rigali jiġu,
il-kbarat ifittxu l-favuri tiegħek.
Infakkar ismek minn nisel għal nisel;
ifaħħruk il-popli għal dejjem ta' dejjem! **R/.**

(*adorazzjoni fis-skiet*)

Imma xi jfisser, Mulej, li bħal Ommok inħarsu lejn din il-ġrajja hekk importanti fil-Liturġija tal-Knisja, li mhi xejn inqas mill-Milied? Xi jfisser li nifthu t-teżori ta' qalbna sabiex noffrulek id-deheb, l-inċens, u l-mirra? Dawn id-doni qegħdin hemm, f'qalbna. Mhux aħna poġġejniehom imma inti. Min-natura midinba tagħna, aħna rrekknu u ngħożżu affarijiet ta' inqas valur u nqimuhom daqslikieku deheb. Kif jgħid is-Salmista f'Salm 135:

> L-idoli tal-ġnus mhumiex ħlief deheb u fidda,
> xogħol ta' id il-bniedem:
> għandhom il-fomm, u ma jitkellmux;
> għandhom l-għajnejn, u ma jarawx;
> għandhom il-widnejn, u ma jisimgħux;
> anqas nifs ma għandhom fi mnifsejhom.
> Bħalhom ikunu dawk li jagħmluhom,
> u dawk kollha li jittamaw fihom. (salm 135, 15-18)

Min-natura dgħajfa tagħna, nifirħu bin-nar li nqabbdu sabiex nisservew aħna, u nintilfu f'ħafna tlablib għalxejn meta l-ewwel u qabel kollox fommna għandu jgħanni t-tifħir tiegħek, kif jistqarr is-Salmista f'Salm 51:

> Iftaħli xufftejja, Sidi,
> u fommi jxandar it-tifħir tiegħek.
> Għax lilek ma jogħġbokx is-sagrifiċċju;
> noffrilek vittmi maħruqa, u ma tilqagħhomx.
> Is-sagrifiċċju tiegħi, o Alla, hu l-qalb niedma;
> qalb maqsuma u sogħbiena ma twarrabhiex, o Alla. (Salm 51, 17-19)

U din il-qalb niedma ssir bħall-offerta ta' Noè wara li ħareġ mill-arka li l-fwieħa tagħha għoġbitek għax, kif insibu fil-Ktieb ta' Bin Sirak, meta nħallu l-verità tiegħek tmexxina l-ħajja tarmi "riħa tfuħ daqs l-inċens" (Sir 39, 13-14). Għalhekk:

Lilek, Mulej, insejjaħ; fittex għinni!
Isma' leħni, jiena u nsejjaħlek.
Ikun it-talb tiegħi bħal inċens quddiemek;
ikunu idejja merfugħa 'l fuq
bħas-sagrifiċċju filgħaxija. (Salm 141, 1-2)

## Innu Ewkaristiku

Mulej, imma l-mirra kif se noffrihielek? Wara kollox, mhuwiex inti li poġġejt l-imrar f'qalbna. Kien id-dnub tal-bniedem li daħħal id-diżordni fl-univers ordnat u sabiħ li ħlaqt inti. Kien il-bniedem li għażel il-mewt flok il-ħajja. Huwa aħna stess li nagħżlu id-dlam flok id-dawl, u nimtlew bl-imrar meta niġu mweġġa' jew ninħakmu mill-pessimiżmu quddiem il-ħajja u d-dinja tal-bnedmin, għalkollox imbiegħda mis-Saltna tiegħek li ġejt twaqqaf fostna.
Imma l-mirra qiegħed hemm, u ġie offrut lilek bħala don prezzjuż. U hekk ukoll jeħtieġ li nagħmlu mill-ġdid billi dan il-morr inħalluh jiġi ttrasformat bl-għuda tas-salib bħalma, waqt it-terriq tagħhom fid-deżert, il-poplu gemgem għax ma sabx ilma tajjeb għax-xorb u Mose tefa' zokk muri lilu u l-ilma sar ħelu, tajjeb għax-xorb, sabiex hekk tingħaraf il-ħila tiegħek (ara Eż 15, 20-25; Sir 38, 5).
Mulej, bil-ħila tagħna biss, il-morr tal-ħajja tagħna ma jistax isir mirra li tfewwaħ u ssalva mill-mewt għal dejjem. Imma inti tista' tagħmlu dan: inti tista' tbiddel is-salib f'qawmien mingħajr ma teqridna; inti tista' tixgħel id-dlam tagħna mingħajr ma tagħmina ħalli meta tidher inti, aħna nsiru bħalek, għax narawk kif int (ara 1 Ġw 3, 2); inti tista' tagħmel mill-ħajja tagħna ingwent li bih inti tfewwaħ mill-ġdid id-dinja u tfarraġ lill-bnedmin. Ilqa', Mulej, din il-mirra li qegħdin noffrulek.

*(adorazzjoni fis-skiet)*

Mulej, hekk kif wasalna biex nagħlqu dan il-ħin ta' adorazzjoni u nirċievu l-barka sagramentali, nixtiequ li verament noffrulek spiritwalment ir-rigali tal-maġi mhux għax inti għandek bżonnhom imma għax aħna neħtieġu li ntennu din l-offerta għall-Knisja u għad-dinja billi wara kull talba nistqarrlulek: ***Ilqa' l-offerta tagħna, Mulej.***

- Mulej, noffrulek id-deheb għall-Knisja sabiex bil-ħarsa fissa lejk tkompli ssir dejjem iżjed bħal għarusa mżejna għall-għarus tagħha. **R/.**
- Noffrulek id-deheb għall-mexxejja kollha tad-dinja sabiex jużaw is-setgħa biex iħabirku għall-paċi, il-ġustizzja, u l-ġid tal-popli kollha. **R/.**
- Noffrulek l-inċens tat-tifħir tagħna bħala komunità sabiex il-liturġija li niċċelebraw tkun tassew il-quċċata u l-għajn tal-ħajja tagħna. **R/.**

- Noffrulek l-inċens tat-talb f'isem dawk li jħossuhom imbikkma quddiem il-ħajja, jew tilfu l-fidi, jew in-nuqqas ta' saħħa fiżika jew mentali qegħdin iżommuhom milli jduru lejk. *R/.*
- Noffrulek il-mirra għalina nfusna u għall-bnedmin kollha sabiex ilkoll nilqgħu s-sejħa għall-konverżjoni u ħajjitna ssir fwieħa li togħġbok. *R/.*
- Noffrulek il-mirra għall-mejtin tagħna sabiex fil-laqgħa tagħhom miegħek jissaffew u jduqu għal dejjem il-ħlewwa tal-imħabba tiegħek. *R/.*

Ilqa', Mulej, id-deheb, l-inċens, u l-mirra li aħna offrejnielek f'isem l-umanità sabiex, kif il-maġi għarfuk u waslu għandek permezz tal-kewkba, hekk ukoll illum tkompli tgħarraf lilek innifsek lill-ġnus kollha. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## Barka Sagramentali